# QORTI CIVILI - PRIM' AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-23 ta' Frar 2001**

**Citazzjoni Numru 578/00 GC**

**Eurochange Company Limited**

**-vs-**

**Albert Vassallo**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ippremettiet:-

Illi, fl-14 ta' Frar il-konvenut mar gewwa fergha tal-kumpanija attrici li tinsab gewwa San Giljan u hemmhekk sarraf flus f'munita barranija, sterlina, fl-ammont ekwivalenti ghal elf, sitt mija u tmenin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1680.67) (Dokument HSL1);

Illi ghal dawn il-flus huwa hallas permezz ta' cheque numerat 4406 mahrug mill-HSBC (Malta) PLC, fergha ta' High Street, Sliema u intestat ghan-nom ta' "The Ells Ltd" u dan wara li pprezenta lilu nnifsu bhala Timoty Grech (Dokument HSL2);

Illi dan ic-cheque eventwalment ma ssarrafx u fil-fatt gie lura payment countermanded, kif jirrizulta mill-fotokopja esebita (Dokument HSL2);

Illi s-socjeta' attrici sal-lum ghadha ma thallsitx dan l-ammont versat lill-konvenut;

Illi, ghalkemm interpellat biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi, dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta' attrici, huwa cert, likwidu u skadut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex, ghar-ragunijiet fuq premessi, m'ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf sitt Mija u tmenin liri Maltin, seba' u sittin centezmi (Lm1680.67);

2. tikkundanna u tordna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat;

3. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru ipprezentati kontestwalment ma' din ic-citazzjoni u ta' ittra legali datata hamsa ta' Marzu, 2000, kontra l-konvenut, li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2001;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk dawn ghandhom jigu akkolti;

Jigi rilevat li l-konvenut naqas li jippresenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu nonostante li nghata li fakolta' li jghamel hekk;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut hu debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf sitt mija u tmenin liri maltin u seba' u sittin centezmi (Lm1680.67) u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u tikkundanna l-konvenut ihallas l-imsemmi ammont lis-socjeta attrici u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.